8 ta' Ġunju, 1957

Imħallef:—

Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.

Maria Bovett *versus* Lorenza Formosa

## Inġurja — "Animus Consulendi" — "Animus Corrigendi" — Prova

*F'materja ta' inġurja, biex wieħed jista' jinvoka bħala mezz defensjonali l-"animus consulendi" jew l-"animus corrigendi", jeħtieġ li huwa żamm ruħu fil-limiti tal-kliem konfidenzjali, u li jkun qalhom biss lil min kien meħtieġ li jgħidhom biex jirraġġunġi l-iskop suppost salutari tiegħu, bla ebda publicità u "senza mescere un pò di livore proprio". Jekk il-provi juru li l-kwerelat eċċeda dan il-limiti, ikunu irrilevanti l-provi minnu offerti biex juri li verament il-kwerelant żbalja billi tassew ikkommetta l-att lilu attribwit mill-kwerelat; għaliex, ankorkè dik il-prova tirnexxi, l-istess il-kwerelat ikun ħati, peress li jkun eżorbita mill-isfera tad-dirimenti minnu nvokata.*

Il-Qorti; — Rat il-kwerela ta' Maria Bovett mart Antonio minnu assistita, kontra Lorenza Formosa, talli f'dawn l-aħħar xhur, fil-Kalkara, il-kwerelata nġurjat lill-kwerelanti gravement;

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta tas-26 ta' Frar 1957, li biha sabet lill-kwerelata ħatja ta' nġurja gravi, u kkundannatha £1 multa u tħallas l-ispejjeż tal-kawża;

Rat ir-rikors tal-kwerelata, li biħ appellat u talbet li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata u li tiġi liberata; bl-ispejjeż;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Ġie pruvat li l-kwerelata qalet li l-kwerelanti ( li tiġi oħtha) marret ma' raġel (li semmiet "nominatim"), f'post minnha ndikat, għal skop ta' relazzjonijiet illeċiti;

Il-kwerelata, sid dak il-post, qegħedha tallega, in difeża, li l-animu tagħha kien dak li twissi lill-oħtha, u li din tiġi ammonita mill-familjari; vwoldiri, qegħedha teċċepixxi l-"animus consulendi" u l-"animus corrigendi" — mezzi defensjonali bażati t-tnejn fuq it-testi tad-Dritt Ruman, wieħed "excusatur si manifeste probare possit eum tale quod amico forte monuisse, ut hinc contra hominem periculosum satis esse queat" (ara Gertsema, Fundamenta de Injuriis), u l-ieħor "si quis corrigendi animo, aut si quis emendandi, non tenetur" (Lex 13 para. 38, Dig. De Inj. et Fam. Lib.);

Issa, l-provi juru li l-kwerelata ma hijiex intitolata għal dan l-iskriminanti; għaliex, biex wieħed jista' jitlob dawk il-mezzi ta' difiża, jeħtieġ li jkun żamm ruħu fil-limiti ta' kliem konfidenzjali, li jkun qalhom biss lil min kien meħtieġ li jgħidhom biex jirraġġunġi l-iskop suppost salutari tiegħu, bla ebda publiċità, u, kif ingħad, "senza mescere un pò di livore proprio";

Il-kwerelata ma llimitatx ruħha tgħid lill-kwerelanti u lill-ommha, u talvolta forsi lill-oħtha, imma qalet anki lill-barranija Bonnici u lill-kunjata Busuttil, dippjù ma tkellmitx b'mod konfidenzjali, imma b'ċerta malinjità bl-aġġunta ta' kliem li ma kienx affattu neċessarju. Għalhekk, ix-xhieda offerti mill-kwerelata biex tipprova li verament il-kwerelanti żbaljat kif fuq ingħad, ma humiex rilevanti għaliex, ankorkè l-kwerelata kellha tirnexxi fil-prova minnha prospettata, l-istess tkun ħatja, peress li eżorbitat mill-isfera tad-dirimenti minnha nvokati;

Għalhekk tiddeċidi billi tirrespinġi l-appell tal-kwerelata, u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjeż taż-

żewġ istanzi kontra tagħha. Onorarju tad-difensuri 12s. il-waħda għas-seduti tat-13 ta' April u tat-18 ta' Mejju, 1957, u 10s. l-waħda għas-seduti l-oħra.